INFORMAZZJONI FUQ DEĊIŻJONIJIET MHUX IPPUBBLIKATI

Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-1 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

(Kawża C-354/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Għajnuna mill-Istat — Fond ta' riżerva eżenti mit-taxxa — Inkompatibbiltà mas-suq komuni — Irkupru — Nuqqas ta' eżekuzzjoni"

1. *Proċedura — Sistema lingwistika — Preżentata ta' annessi jew ta' dokumenti f'lingwa differenti mil-lingwa tal-kawża — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 29(2)(a), u (3)) (ara l-punti 33, 34)*

2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Obbligu — Dmir ta' eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Artikoli 108(2) TFUE u 288 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(3)) (ara l-punti 56-61, 65)*

3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' osservanza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat — Eċċezzjonijiet tad-difiża — Impossibbiltà assoluta ta' eżekuzzjoni — Kriterji ta' evalwazzjoni — Diffikultajiet ta' eżekuzzjoni — Obbligu tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru li jikkollaboraw fit-tiftix ta' soluzzjoni li tosserva t-Trattat (Artikoli 4(3) TFUE u 108(2) TFUE) (ara l-punti 68-70, 73)*

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali — Kundizzjonijiet — Implementazzjoni ta' proċedura li tiżgura eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Artikoli 108(2) TFUE u 288 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(3)) (ara l-punti 75, 77)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji għall-irkupru tal-għajnuna meqjusa illegali u inkompatibbli mas-suq intern permezz tal-Artikolu 1(1) [bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fil-paragrafu 2 u fl-Artikoli 2 u 3] tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 (C (2007) 3251) dwar fondi ta' riżerva eżenti mit-taxxa (għajnuna mill-Istat C 37/05).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri kollha neċessarji għall-irkupru, skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/723/KE, tat-18 ta' Lulju 2007, dwar għajnuna mill-Istat C 37/05 (ex NN 11/04) m ogħtija mill-Greċja — Fond ta' riżerva eżenti mit-taxxi, tal-għajnuna meqjusa illegali u inkompatibbli mas-suq komuni, bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2), kif ukoll fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 4 sa 6 tal-imsemmija deċiżjoni.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.